# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 22 ta' Novembru, 2023**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 75/2020 MH**

**Numru: 2**

**Michael Scicluna**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u l-Awtorita' tal-Artijiet għal kwalunkwe interess li għandha u/jew li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent Michael Scicluna tal-14 ta' Mejju 2020** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub –

1. *" Illi r-rikorrenti huwa proprjetafju tal-fond bin-numru 21 (qabel 20) u tal-fond 22 (qabel 21) Sqaq Qajjied, Siggiewi b'dana illi mis-sit precedentement okkupat minn tali fondi illum tinsab mghoddija triq pubblika.*
2. *Illi tali fondi gew l-ewwel akkwistati mill-Gvern Malti b'titolu ta' pussess u uzu u sussegwentement gew akkwistati b'titolu ta' dominju pubbliku kif dettaljat hawn taht.*

3. *Illi permezz tal-kawza fl-ismijiet **'Michael Scicluna v. Kummissarju tal-Art'** (Rik. Nru. 44/2009GG) filwaqt li l-mittenti premetta s-segwenti:*

*(i) Illi permezz ta' Avviz Numru 428 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Gunju, 1993 il-Kummissarju tal-Art ippubblika l-Avviz ghall-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku tal-fond bin-numru 21 (qabel 20) u tal-fond 22 (qabel 21) Sqaq Qajjied Siggiewi liema art, proprjeta' esklussiva tal-mittenti, kienet ilha akwistata minn l-istess Kummissarju b'titolu ta' pussess u uzu sa mit-8 ta' Lulju, 1975 permezz ta' dikjarazzjoni pubblikazzjoni fin-Notifikazzjoni Nru 443 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Lulju, 1975 u li permezz ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2009, ir-rikorrenti gie mgharraf li l-kera offruta hija ta' Ewro 3.26c fis-sena ghal fond numru 21 (qabel 20) u ta' Ewro 14.68c fis-sena ghal numru 22 (qabel 21) skont l-istima tal-perit Arkitett Michael Schembri.*

*(il) Illi llum dawn il-postijiet gew demoliti mill-Kummissarju tal-Art (illum l-Awtorita tal-Artijiet) u hemm ghaddejja triq fejn qabel kien hemm dawn il-postijiet u ghalhekk huma ghandhom jigu meqjusa bhala sit fabrikabbli.*

*(iii) Illi l-mittenti kien qed jippretendi li l-kumpens gust li ghandu jithallas lilu bhala kera ta' dawn iz-zewg fondi ghandu jkun ta' tlett elef Ewro (€3000) fis-sena u dan skont l-istima tal-Perit D. Camilleri u ghalhekk saret tali procedura.*

*Talab li bir-rispett li l-Onorabbli Bord tal-Artijiet joghbu jiffissa l-ammont ta' tlett elef ewro (€3000) bhala kera gusta ghal propjetajiet hawn fuq imsemmija jew ahjar ghall-art hawn fuq imsemmija bhala l-kumpens gust li ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-espropriazzjoni tal-art fuq imsemmija inkluz l-imghax mid-data tal-Avviz tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Lulju, 1975 u, sussegwenteement, talab ukoll li kemm il-darba l-Bord jilqa' t-talba tar-mittenti ai termini tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Bord ma jihux konjizzjoni tal-ewvvel talba u minflok jifflssa l-ammont ghall-art hawn fuq imsemmija bhala l-kumpens gust li ghandu jithallas lill-istess mittenti ghall-esproprijazzjonital-art fuq imsemmija inkluz l-imghax.*

4. *Illi permezz ta' sentenza fl-istess ismijiet premessi datata 10 t'April, 2013 il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet iddecieda l-istess kawza billi ffissa l-valur ta' kumpens ghall-fondi kif deskritti mil-mittenti fl-ammonti segwenti: ta' €3.26 fis-sena ghall-fond numru 21 gja 20 u ta' €14.68 fis-sena ghall-fond nurmu 22 gja 21 oltre l-imghax legali skont il-ligi mid-data tat-tehid; bl-ispejjez jigu sopportati mill-istess mittenti.*

5. *Illi l-mittenti hass ruhu aggravat mis-sentenza surreferita u fil-fatt appella mill-istess.*

6. *Illi madanakollu, permezz ta' decizjoni datata 26 ta' Mejju, 2017 l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet il-kawza finalment billi, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, cahdet l-appell tal-mittenti u kkonfermat bis-shih is-sentenza surreferita bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess mittenti.*

7. *Illi kif jirrizulta gja mis-surreferit u kif ser jirrizulta ahjar matul it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, huwa car li l-Istat Malti naqas fil-konfront tal-mittenti proprju billi ma rax li jigi zgurat fil-konfront taghhom ukoll fil-proceduri surreferiti l-adempiment mad-dmir tieghu li l-mittenti jkollhom smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif surreferit u dana ghaliex minkejja li l-proprjetá u/jew il-pussess taghha ittehidlu fis-sena 1975 sal-gurnata tal-lum huwa ghadu ma ottjeniex kumpens gust ghal tali tehid forzat. Kif nutat mill-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet fis-sentenza tieghu surreferita, «mill-gumata tat-tehid fl-1975 (sal-1995), l-Awtorita' ma ghamlet xejn biex tinnizzja l-procedura ta' kumpens lis-sid esproprijat li dak iz-zmien ma setghax jinnizzja marte proprio l-proceduri quddiem dan il-Bord.»*

8. *Illi perdipiu TIl-kaz partikulari tal-esponentii, oltre ghad-dewmien lampanti fil-proceduri ghall-kumpens, il-pregudizzju soffert minnu jinsab kostitwit ukoll mill-fatt li, ukoll minhabba tali dewmien, huwa baqa' ma rceviex kumpens gust ghat-tehid tal-proprjeta tieghu dan ukoll minkejja l-emendi legizlattivi sussegwenti.*

9. *Illi fil-fatt l-art 27 tal-**Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici** (Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta) kien jipprovdi ghall-kera tal-gharfien u l-kumpens dovut lill-mittenti gie determinat skont it-termini,*

*kundizzjonijiet u limitazzjonijiet hemmhekk imposti bil-konsegwenza cara li tali kumpens bl-ebda mod ma jista' jinghad li jaghmel tajjeb b'mod gust u adegwat ghat-tehid tal-istess proprjeta' u ghall-uzu maghmul mill-Istat mill-istess art sa mill-1975.*

10. *Illi ghaldaqstant huwa car li, tenut kont tas-surreferit, gew lezi id-drittijiet fundamentali tal-mittenti kemm ghall-harsien mill-privazzjoni tal-proprjeta' taghhom minghajr kumpens xieraq u/jew kif ukoll ghas-smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif rispettivament sanciti permezz tal-art. 37 u/jew 39 tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u kif ukoll l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u/jew l-art 6 **tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** kif rezi ezegwibbli mill-**Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja** (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob li dina l-Onorabbli Qorti, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u/jew opportuni, in vista tal-premessi joghgobha:*

*(i) Tiddikjara li, bil-fatti hawn esposti, gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghall-proprjeta u possedimenti taghhom kif protetti kemm mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u kif ukoll fir-figward tal-propfjeta taghhom mill-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta rispettivament,*

*(ii) Tiddikjara li, ukoll bil-fatti hawn esposti, gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-mittenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli kif protetti kemm mill-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u kif ukoll mill-art. 39 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement*

*(iii) Taghti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi inkluzi l-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' dak il-kumpens jewjust satisfaction dovut mill-Istat Malti, inkluzi d-danni kollha sofferti mill-mittenti bhala konsegwenza tal-fatti kollha surreferiti Oltre kull rimedju ieh0f xieraq jew opportuni spettanti lill-istess esponenti biex tigi spurgata il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu hawn lamentata u dana referibilment ghal kull lezjonijiet imsemmlja.*

*Fin-nuqqas il-mittenti ma jkollux ghazla hlief li jipprovedi minnuflh ghas-salvagwarja u/jew enfurzar tad-drittijiet fundamentali tieghu skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimati jew min minnhom minn issa ngunti in subizzjoni."*

Rat **ir-risposta kostituzzjonali tal-intimat Avukat tal-Istat tat-3 ta' Lulju 2020** li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet[1] –

1. *"Illi preliminarjament, in kwantu l-esponent la għandu u lanqas qatt kellu l-mansjoni li jesproprja artijiet, kif anki jidher minn eżami tar-rikors promotur fejn ma hemm ebda allegazzjoni imputabbli lilu, l-Avukat tal-Istat mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri skont l-artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*[2]

2. *Illi in linea preliminari ukoll, in kwantu l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbażata wkoll fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 6 u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-azzjoni odjerna hija inammissibbli ratione temporis fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kap 319 li jipprovdi li l-ebda allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma għandu jagħti lok għat-teħid ta' azzjoni taħt l-artikolu 4 ta' dak l-Att u dan in vista tal-fatt li skont ir-rikors promotur, il-fondi in kwistjoni ttieħdu mill-Gvern ta' Malta permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President datata 8 ta' Lulju 1975 b'Avviz Numru 443;*

[1] Fol 12 et seq

[2] ara Margaret Galea et vs L-Awtorità tad-Djar; L-Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' April 2015; u Louis Apap Bologna vs Calcidon Ciantar; L-Awtorità tad-Djar; L-Avukat Ġenerali, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2011 u mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Frar 2012;

*3. Illi preliminarjament ukoll, l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli għall-każ odjern peress li l-liġi li bis-saħħa tagħha l-Gvern kien ħa f'idejh il-proprjetà in kwistjoni, ċjoè l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skop Pubbliku (Kap.88) (illum imħassra), kienet diġà fis-seħħ qabel id-data tat-3 ta' Marzu 1962 u għalhekk fid-dawl tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, din l-Ordinanza hija eżenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu preċitat. L-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi testwalment li:*

*"Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li, minn żmien għal żmien, tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu)...";*

*4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fil-fatt japplika, xorta waħda ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 37 u/jew 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tar-rikorrent kif ser jiġi muri aħjar matul il-kawża;*

*5. Illi r-rikorrenti għandu jġib prova ċara li huwa kien il-proprjetarju tal-fondi in kwistjoni;*

*6. Illi ma jidhirx li r-rikorrent qed jikkontesta l-fatt li l-fondi ttieħdu għal skop pubbliku u għalhekk tali esproprju żgur li ma jivvjolax id-*

*drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt skont il-proviso tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, l-Istat għandu kull dritt li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa sabiex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali u għall-ħarsien ta' miżuri meħudin għall-ħarsien tal-interess ġenerali;*

*7. Illi l-esponent jenfasizza li l-kumpens offrut mill-Kummissarju tal-Artijiet (illum l-Awtorità) bħala kera fuq il-fondi in kwistjoni, meta dawn ġew iddikjarati meħtieġa għal skop pubbliku, huwa wieħed ġust u konformi ma' dak dispost fl-artikolu 27 tal-imsemmi Kap. 88, hekk kif ampjament spjegat fl-atti tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet;*

*8. Illi l-esponent ma kienx parti mill-proċeduri quddiem il-Bord u għalhekk m'għandu ebda kontroll fuq il-mod kif il-kawza tmexxiet quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet;*

*9. Illi fl-ebda stadju tal-proċeduri quddiem il-Bord ma jidher li r-rikorrent irreġistra xi lment għad-dewmien;*

*10. Illi l-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta ma għadux jezisti u għalhekk l-artikolu fuq xiex mexa l-Bord sabiex jasal għall-kumpens tiegħu, u li jidher li qed jiġi attakkat mir-rikorrent, jiġifieri l-artikolu 27 tal-Kap. 88, illum il-ġurnata ġie mħassar ukoll. Dan juri wkoll kemm ir-rikorrent*

*ħalla ħafna snin jgħaddu sakemm fetaħ dawn il-proċeduri u t-trapass ta' dan iż-żmien kollu jitfa' dubji serji kemm effettivament ir-rikorrenti ħassu aggravat u kwindi kwalunkwe kumpens li jista' qatt jingħata lir-rikorrenti, għandu jiġi kkalkulat fid-dawl ta' dan il-fatt ukoll;*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*GĦALDAQSTANT, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur tiegħu u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Rat **ir-risposta kostituzzjonali tal-intimata Awtorita' tal-Artijiet tat-3 ta' Lulju 2020** li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet[3] –

1. *"Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' tal-Artijiet mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna u dan ghaliex l-Awtorita' ezercitat id-drittijiet taghha korrettament skont il-ligi. Ghalhekk kull lanjanza li jista' jkollhom l-atturi mhijiex indirizzata lejn xi att jew decizjoni skorretta tal-Awtorita' (li dejjem imxiet skont il-ligi) imma hija diretta proprju lejn l-artikoli tal-ligi jew il-ligi nnifisha. L-Awtorita' ma tfassalx u ma tippromulgax ligijiet hi anzi bhal kull haddiehor hija obbligata li tottempera ruhha mal ligi;*

2. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni talba attrici tittratta l-allegat ksur ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli protetti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u mill-Artikolu 39 tal-*

[3] Fol 12 et seq

*Kostituzzjoni, u dawn it-talbiet ma tistax tirrispondi ghalihom l-Awtorita' esponenti u ghalhekk din it-talba ma tistax tirnexxi kontra l-Awtorita' eccipjenti;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi peress li l-ghemil kollu maghmul ai termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitlu 88 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa mhares bl-applikazzjoni tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Huwa insindikabbli l-fatt li l-azzjoni li fuqha huwa msejjes l-ilment tal-atturi hija naxxenti mill-akkwist tal-proprjeta' li jmur lura ghas-sena 1975 u li saret b'konsegwenza tal-ligi aplikabbli dak iz-zmien jigifieri Kap 88. Isegwi ghalhekk illi dak kollu maghmul fis-sens ta' din l-Ordinanza ma tistax twassal ghal-lanjanza Kostituzzjonali kif imressqa mir-rikorrent;*

4. *Illi minghajr pregudizzju, in kwantu ghal-lanjanza tar-rikorrent illi l-kumpens li nghata mill-Kummissarju tal-Artijiet (illum Awtorita' tal-Artijiet) ghat-tehid tal-art ma kienx kumpens adegwat, tajjeb li jinghad li dan l-ammont mhux talli gie konfermat mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet talli rega gie rikonfermat mill-Qorti tal-Appell. Wara li saret evalwazzjoni fil-fond kemm tal-art kif ukoll tal-ligi applikabbli, il-Bord u l-Qort tal-Appell ikkonfermaw kif il-kumpens offrut mill-Kummissarju tal-Artijiet kien wiehed gust u skont il-ligi. Bhal donnu r-rikorrent qieghed juza l-kawza odjerna bhala Qorti tat-tielet istanza sabiex jerga jappella minn kawza li illum ghaddiet in gudikat;*

5. *Illi inoltre' minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma sehhet l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali sanciti f'Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u f'Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-*

*Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Dan ghax l-esproprijazzjoni saret skont il-ligi, ghal skop pubbliku u fl-interess pubbliku tant illi fuq l-art illum hemm misrah pubbliku. Apparti minn hekk ir-rikorrent gie offrut kumpens xieraq ta' kera ta' gharfien kif dettat mil-ligi.*

6. *Illi ghandu jinghad ukoll li fi kwalunkwe kaz, la Artikolu 37 u lanqas l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol ma jikkoncedu xi dritt li sid l-art li qed tigi esproprjata jaghmel profitt.*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tar-rikorrent stabbiliti taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Il-fatt li l-kalkolu tal-kumpens kien pre-determinat mil-ligi bl-ebda mod ma jista' jfisser li dan iwassal ghal ksur tal-jedd ghal smigh xieraq. L-artikolu 39 u l-artikolu 6 jistipulaw li sabiex tkun sehhet lezjoni, dawn is-sitwazzjonijiet iridu jissustixxu:*

   i. *Meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali;*
   ii. *Meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smiegh tal-kawza;*
   iii. *Meta s-smiegh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza;*
   iv. *Meta parti ma tinghatax id-dritt li tinstema' (audi alteram pertem) u/jew li tressaq il-kaz taghha kif imiss; u*
   v. *Meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni.*

   *Ma hemmx dubju li fil-kaz odjern, l-ebda sitwazzjoni imsemmija hawn fuq ma tissustixxi;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa veru li l-Artikolu 6 jistabilixxi illi wiehed ghandu jinghatalu wkoll il-jedd ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali. Madanakollu dana ma jfissirx u*

*ma jsarrafx fi dritt illi wiehed ma ghandux ikun soggett ghal-ligi sostantiva li tirregola jew tikkontrolla l-kumpens li hu dovut*

9. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-trapass taz-zmien qabel ma r-rikorrenti bdew dawn il-proceduri jimmilita kontra l-istess rikorrenti u juri li fil-fatt ma kien hemm ebda lezjoni serja tad-drittijiet fundamentali. Dan il-fatt irid jittiehed in konsiderazzjoni meta dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi dwar tali allegata lezjoni;*

10. *Illi dato ma non concesso, li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fic-cirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur hija sufficjenti;*

11. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suesport, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

12. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad il-pretensjonijiet kollha attrici u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Rat il-provi tal-partijiet u s-sottomissjonijiet magħmula.

Rat l-atti allegati tal-proċeduri Rik 44/09 quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet fl-ismijiet *Michael Scicluna vs Kummissarju tal-Art;*

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent jilmenta li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni"). Dan b'riżultat tat-tħaddim tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta) partikolarment l-artikolu 27 tiegħu fir-rigward tal-proprjetajiet bin-numri 21 (ġja 20) u 22 (ġja 21) fi Sqaq Qajjied, Siġġiewi.

Minn naħa tagħhom l-intimati jirrespinġu l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**A. <u>PROVI</u>**

Mill-atti l-kronoloġija tal-fatti tirriżulta hekk –

i. Ir-rikorrent huwa s-sid uniku tal-proprjetajiet imsemmija ġewwa s-Siġġiewi, liema fondi huwa wiret mingħand ommu[4];

ii. Fl-1974 id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ghamel talba sabiex l-art li fuqha kienu mibnijin dawn iż-żewġ proprjetajiet jiġu esproprjijati sabiex tkun tista' tgħaddi triq pubblika[5];

[4] Fol 72 et seq
[5] Fol 86

iii. Sussegwentement, permezz ta' **Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 8 ta' Lulju 1975**[6] il-proprjetajiet mertu tal-kawża ġew dikjarati li huma meħtieġa għal skop pubbliku u kellhom jiġu akkwistati b'titolu ta' pussess u użu;

iv. Imbagħad, fit-**18 ta' Ġunju 1993 permezz ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta**[7] l-fondi mertu tal-kawża kellhom jiġu akkwistati b'titolu ta' dominju pubbliku;

v. Il-*Land Valuation Office* kien stabilixxa li l-kera t'akkwist li kellha titħallas għall-fondi kkonċernati, inkluż dawk mertu tal-kawża[8] u **fit-13 ta' Settembru 2000**, l-arkitett inkarigat fid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta' fi ħdan id-Dipariment tal-Artijiet[9] iffissa l-kera t'għarfien dovuta ai termini tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet (għal skopijiet pubbliċi). Dan fl-ammont ta' €3.26 (LM1.40) fis-sena għal fond numru 21 (ġja 20) u €14.68 (Lm6.30) fis-sena għall-fond numru 22 (ġja 21);

vi. Wara li ġie kkonfermat it-titolu tar-rikorrent, permezz ta' ittra uffiċjali l-Kummissarju tal-Artijiet informa lir-rikorrent bil-kumpens offrut fl-ammont imsemmi ai termini tal-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta[10];

vii. Ir-rikorrent ikkontesta dan il-kumpens permezz ta' proċeduri Rik 44/09 quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet fl-ismijiet *Michael Scicluna vs*

[6] Fol 87
[7] Fol 88
[8] Fol 89
[9] Fol 90
[10] Fol 91

*Kummissarju tal-Art* u b'**sentenza datata 10 t'April 2013** l-Bord ikkonsidra u ddeċieda hekk[11] -

*"Issa kwantu t-talba ghall-fisazzjoni tal-kumpens xieraq, l-artikolu 19(5) jipprovdi li l-kumpens fit-tehid ta' art b'titolu ta' dominju pubbliku ghandu jkun ta' kera ta' gharfien. Ir-rikorrenti, b'mod alternattiv, qeghdin jistennew kumpens fil-forma ta' kera ta' gharfien fl-ammont ta' €3000.00 kull sena ghaz-zewg fondi skond kif kalkolat mill-perit arkitett minnhom mressaq biex jixhed quddiem dan il-Bord. Izda, r-regola tal-kumpens fil-fissazzjoni ta' kera ta' gharfien huma ben definiti fl-artikolu 27(2) tal-Kap 88 u hekk fil-fatt irrelataw il-periti membri ta' dan il-Bord li qablu mal-kumpens offert mill-intimat Kummissarju billi qaghdu fuq il-kera registrata fl-Ufficcju tal-Valutazzjoni (dokument B u C a fol 33 u 34 per artikolu 27(2) Kap 88). Huwa minnu ukoll illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ddikjarat li t-tehid ta' art b'titolu ta' dominju pubbliku jmur kontra d-dritt fondamentali tal-bniedem kif tajjeb irrileva r-rikorrenti fil-kawza Marija Mifsud vs Kumm tal-Artijiet fl-14 ta' Ottubru 2011, izda dan il-Bord ma jistax jaghti rimedji kostituzzjonali u irid bilfors japplika l-ligi kif tinsab vigenti fil-mument tad-decizzjoni. U fil-prezent, l-artikoli tal-ligi regolanti kumpens bhal dak in dizamina ghandhom kif vigenti qabel l-ghoti ta' dik is-sentenza;*

*Issa l-periti membri tal-Bord huma tal-fehma illi l-kera ta' gharfien ghandu jkun iffissat fis-somma ta' €3.26 fis-sena ghall-fond numru 21 gja 20 u ta' €14.68 fis-sena ghall-fond nurmu 22 gja 21. Jigifieri l-valuri offerti originarjament mill-intimat. Dawn il-valuri jirrispekkjaw l formula ravvizata fl-artikolu 27(2) tal-Kap 9 u ghalhekk dan il-Bord ser ikollu jichad it-talba tar-rikorrenti u jiffissa l-valur ta' kumpens ghall-fond kif deskritti mir-rikorrenti fl-ammonti segwenti: ta' €3.26 fis-sena ghall-fond numru 21 gja 20 u ta' €14.68*

[11] Fol 58 et seq

*fis-sena ghall-fond nurmu 22 gja 21 oltre l-imghax legali skond il-ligi mid-data tat-tehid;*

*L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti."*

viii. Wara appell li sar minn Michael Scicluna, il-Qorti tal-Appell, **b'sentenza datata 26 ta' Mejju 2017**[12] ċaħdet l-istess appell u kkonfermat is-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra r-rikorrent appellant;

ix. Fl-14 ta' Mejju 2020 ir-rikorrent intavola l-proċeduri odjerni.

## B. <u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>

1. **Fl-ewwel eċċezzjoni taż-żewġ intimati** fir-risposti rispettivi tagħhom, huma jargumentaw li mhumiex leġittimi kontradittur.

L-Avukat Ġenerali jistrieħ fuq l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li fil-fehma tiegħu huwa estraneu għall-mansjoni tal-esproprju tal-artijiet, filwaqt li l-Awtorita' tirrileva li hija ma tippromulgax liġijiet u kwindi ma tirrispondix għall-allegazzjonijiet tar-rikorrent b'rabta mat-tħaddim tal-liġi bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.

Il-Qorti tqis li dawn l-eċċezzjonijet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

L-ilment tar-rikorrent huwa bażat fuq żewġ binarji –

[12] Fol 62 et seq

- It-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 88, li għalih allura għandu jwieġeb l-Avukat tal-Istat; u
- L-aġir tal-Kummussarju tal-Art fil-proċess tal-esproprju, li għalih allura għandha twieġeb l-Awtorita' li fil-frattemp assorbiet il-funzjonijiet tiegħu.

Fil-każ **Maria Grech et vs Avukat tal-Istat et deċiż fid-9 ta' Ġunju 2022** il-Qorti qalet hekk fir-rigward ta' żewġ eċċezzjonijiet li tressqu fl-istess kuntest -

*"Permezz tal-ewwel eċċezzjoni, kemm l-intimat Avukat tal-Istat u anke l-intimata Awtoritá tal-Artijiet issollevaw li ma humiex il-leġittimu kontradditturi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. In sostenn ta' din l-eċċezzjoni l-Avukat tal-Istat irrikorra għall-artikolu 181B tal-Kap. 12 filwaqt li l-Awtoritá tal-Artijiet irrikorriet għal fatt li f'din l-azzjoni qed jiġi ravviżat ksur ta' drittijiet fundamentali minħabba d-disposizzjonijiet tal-liġi.*

*Kif ġia senjalat fil-prinċipji legali supra, b'din l-azzjoni ir-rikorrenti qed jilmentaw ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kemm bl-operazzjonijiet tad-dispożizzjonjiet tal-Kap. 88 u kif ukoll bl-egħmil/aġir tal-Gvern ta' Malta kif issa rappreżentat mill-awtoritá intimata (ara artikolu 83 tal-Kap. 573). Għaldaqstant għandhom jibqgħu fil-kawża kemm l-Avukat tal-Istat kif ukoll l-Awtoritá Intimata. Dan sabiex dak tal-ewwel iwieġeb għal dik il-parti tal-ilment li qed tirraviża ksur tad-drittijiet fundamentali minħabba d-dispożizzjonijiet tal-liġi taħt il-Kap. 88, filwaqt li dik tal-aħħar twieġeb għal dik il-parti tal-ilment li tirraviża ksur tad-drittijiet fundamentali minħabba l-egħmil/aġir tal-Gvern ta' Malta."*

**L-ewwel eċċezzjoni taż-żewġ intimati rispettivi ser tiġi għalhekk miċħuda.**

2. **Fit-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** jiġi argumentat li l-allegat ksur tad-drittjiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 6 u tal-Ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni huwa inammissibbli *ratione temporis* ai termini tal-**artikolu 7 tal-Kap 319** li jipprovdi hekk –

*"Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 ta' April 2002, ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4."*

Jiġi sottolineat li l-ilment tar-rikorrent jirrisali għall-perjodu meta l-proprjeta' tiegħu ittieħdet mill-Istat b'titolu ta' pussess u użu fl-1975 u kwindi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta fl-1987. Madankollu l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat ma treġix stante li kif inhuwa kristalizzat fil-ġurisprudenza, fejn il-ksur ta' drittijiet fundamentali mhuwiex wieħed istantaneju iżda huwa kontinwat u ċioe li jkun beda qabel l-1987 u jibqa' jipperdura wara, allura l-Konvenzjoni tapplika. U fil-każ odjern l-ilment tar-rikorrent huwa proprju marbut mal-fatt li mill-1975 il quddiem huwa kien u għadu qed isofri ksur tad-drittijiet fundamentali għat-tgawdija tal-proprjeta' peress li għadu qed ibati l-konsegwenzi tal-liġi u tal-aġir tal-Istat sa minn dak iż-żmien.

Ingħad hekk fil-kawża **Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Ġenerali et, deċiża fil-11 ta' Frar 2015:**

*"l-azzjoni tar-rikorrenti hija msejsa kemm fuq id-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni kif ukoll fuq dawk tal-Konvenzjoni. Is-silta li ssemmiet qabel tirreferi biss għad-dispozizzjonijiet relattivi tal-Konvenzjoni, iżda hawnhekk ukoll in-natura tal-ksur li dwaru tqajjem l-ilment tiegħu siwi biex wieħed iqis*

*jekk huwiex il-każ jew le li l-ksur ikun sar qabel dawk id-dati msemmija. Dan qiegħed jingħad għaliex huwa aċċettat li fejn il-ksur jibqa' jseħħ jew fejn il-qagħda li ġġib maghha l-ksur tal-jedd fundamentali ma tkunx waħda instantaneja (Kost. 10.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet****; u Kost. 28.2.2005 fil-kawża fl-ismijiet* ***Attilio Ghigo vs Direttur tal-Akkommodazzjoni Soċjali et*** *fost oħrajn), allura waħda tista' tqis u tistħarreġ il-ksur jekk il-qagħda tibqa' ttul wara (ara b'eżempju, Kost. 28.12.2001 fil-kawża fl-ismijiet* ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** *(Kollez. Vol. LXXXV.i.615). Ta' min jgħid hawnhekk li din il-kwestjoni tqajmet ukoll quddiem il-Qorti ta' Strasbourg f'każijiet imressqin kontra Malta u dik il-Qorti sabet li, ladarba d-dikjarazzjoni magħmula mill-Gvern Malti f'April tal-1987 kienet b'effett retrospettiv, allura l-istħarriġ li dik il Qorti tista' tagħmel imur lura għall-1967, jiġifieri meta l- Konvenzjoni kienet ratifikata mill-Parlament Malti (ara b'eżempju Q.E.D.B 5.4.2011 fil-kawża fl-ismijiet Bezzina Wettinger et vs Malta (Applik nru. 15091/06) §54 u Q.E.D.B. 5.4.2011 fil-kawża fl-ismijiet Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq vs Malta (Applik. Nru. 26771/07) §38. ....".*

**It-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat sejra tiġi miċħuda.**

3. **Fit-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** ġie argumentat li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli għall-każ stante li l-Kap 88 (illum imħassar) kien diġa fis-seħħ qabel id-data tat-3 ta' Marzu 1962 u għalhekk fid-dawl tal-artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni stess, tali Ordinanza hija eżenti mill-applikazzjoni tal-artikolu preċitat. Fuq binarji simili hija **t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet.**

Eċċezzjoni simili tressqet fil-każ **Francis Scicluna et vs Avukat Ġenerali et deċiż fl-24 ta' Marzu 2022** -

***"Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jintuża***

*Fir-raba' eċċezzjoni tagħhom l-intimati jeċċepixxu li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jistax jintuża biex jattakka l-Artikolu 22 (11) tal-Kapitolu 88 in vista tal-Artikolu 47 (9) tal-Kostituzzjoni.*

*Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jiggarantixxi l-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens. L-imsemmi artikolu jipprovdi li,*

*"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –*

*(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u*

*(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti talAppell f'Malta:*

*Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak ilkumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk."*

*Dan l-artikolu pero' jeħtieġ li jinqara flimkien mad-disa' sub*-artikolu *tal-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni:*

*"Ebda ħaġa fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħdim ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is*-subartikolu*) u li ma –*

*(a) iżżidx max-xorta ta' proprjetà li jista' jittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fi proprjetà li jistgħu jiġu* miksuba*;*

*(b) iżżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista' jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;*

*(ċ) tagħmilx il*-kondizzjonijiet *li jirregolaw* id-dritt *għal kumpens jew lammont tiegħu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun* interessata *fil-proprjetà; jew*

*(d) tipprivax xi persuna minn xi* dritt *bħal dak li huwa msemmi fil*-paragrafu *(b) jew paragrafu (ċ) tal-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni."*

*Din il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li t-teħid seħħ taħt id-dispożizzjonijiet tal*-Kapitolu 88, Ordinanza *dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubbliċi, liema liġi kienet fis-seħħ qabel Marzu tal1962. In tema legali ssir referenza għas*-sentenza **L-Av. Dr. Rene Frendo Randon et vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet et** *(Rik Kost 17/2002) deċiża mill-Qorti* Kostituzzjonali *fl-10 ta' Lulju 2009 fejn ġie ritenut:*

*"L-interpretazzjoni korretta ta' l*-Artikolu 47(9) *hija li l-hdim ta' xi ligi ("the operation of any law" fit*-test ingliz) *fis*-sehh minnufih *qabel it-3 ta' Marzu 1962* ma tistax tkun anti-kostituzzjonali fis-sens li tippekka kontra l-Artikolu 37. *L-istess jinghad ghal xi "amending act" jew "substituting act" maghmula f'dik*

*id-data jew wara dik id-data purche` li tali att li hekk jemenda jew jissostitwixxi dik il-ligi ma jkunx jaghmel xi wahda mill-affarijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (d) ta' l-imsemmi Artikolu 47(9) [Ara fl-istess sens is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' April 1999 fil-kawza fl-ismijiet* ***Pawlu Cachia et v. Avukat Generali et****, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru 2001. Ma kien hemm l-ebda appell fuq dan il-punt]. Ghalhekk il-paragrafi (a) sa (d) huma rilevanti biss fil-kuntest ta' xi ligi li temenda jew li tissostitwixxi xi ligi fis-sehh qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ma hemmx dubju li l-Kap. 88 gie emendat wara din id-data, izda r-rikorrenti f'ebda hin ma ndikaw xi emenda li b'xi mod taqa' taht xi wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) ta' l-Artikolu 47(9). Ghalhekk l-unika konkluzjoni li wiehed jista' jasal ghaliha hija li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 li tahtu saret l-ordni ta' l-esproprjazzjoni de quo huma kollha salvati bl-Artikolu 47(9) milli jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*

*Issir ukoll referenza għas-sentenzi* ***Peter Caruana et vs. Kummissarju tal-Artijiet*** *(Rik Kost 64/2012) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 t'Ottubru 2014;* ***Peter Azzopardi noe vs. Kummissarju tal-Artijiet et*** *(Rik Kost 743/2000) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Novembru 2011.*

*Il-Qorti għalhekk tqis illi r-rikorrenti ma setgħux javvanzaw ilment kostituzzjonali li d-drittijiet fundamentali tagħhom protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ġew leżi bl-operazzjoni tal-Kapitolu 88, Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubbliċi,. L-esproprjazzjoni saret bi tħaddim tad-dispożizzjoni tal-Kapitolu 88 li ilu fis-seħħ minn ħafna snin qabel it-3 ta' Marzu 1962 u għalhekk it-tħaddim ta' dik il-liġi huwa mħares bl-Artikolu 47 (9). Din il-Qorti tqis li nonostante li l-Kapitolu 88 ġie kemm-il darba emendat wara 3 ta' Marzu 1962, ir-rikorrenti f'ebda ħin ma ndikaw xi emenda li b'xi mod taqa' taħt xi wieħed mill-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 47 (9)........Ghal din ir-*

*raguni l-Qorti qed tiċħad it-talba tar-rikorrenti għal sejbin ta' lezjoni taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni."*

Il-Qorti tabbraċċja dawn il-kunsiderazzjonijiet u tagħmilhom tagħha u għalhekk għall-istess raġunijiet sejra **tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat kif ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita' intimata safejn kompatibbli ma' dak appena deċiż u konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrent safejn huma bażati fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.**

4. **Fil-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat** jiġi rilevat li r-rikorrent għandu jġib prova ċara li huwa sid tal-proprjetajiet mertu tal-kawża.

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni ġiet pruvata ampjament. Ir-rikorrent wera li huwa sar sid permezz tal-wirt t'ommu kif irriżulta mid-denunzja relattiva esebita fl-atti.

**Għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.**

## Ċ. MERTU

**Fl-ewwel talba** tiegħu r-rikorrent qed jitlob li bl-operat tal-Kap 88 u l-aġir tal-awtoritajiet fir-rigward tal-proprjetajiet mertu tal-kawża huwa sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta' kif protetti bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni.

Fil-każ suċċitat **Maria Grech et vs Avukat tal-Istat et** din il-Qorti diversament preseduta elenkat is-segwenti prinċipji in materja -

*"Il-Kap. 88 kien jagħti d-dritt lill-Gvern li jieħu art mingħand il-privat b'mod obbligatorju għal skop pubbliku. Bil-kelma 'art' il-liġi kienet tinkludi kull sura ta' bini jew jeddijiet oħrajn marbutin mal-użu tiegħu (artikolu 2). Skont l-istess liġi, l-iskop ikun pubbliku meta "għandu x'jaqsam mal-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali, jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għal użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew għall-ippjantar ta' l-ibliet jew ma' jew għar-rikostruzzjoni jew kull skop li għandu x'jaqsam mad-difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew tal-ajru; u jfisser ukoll kull skop ieħor imsemmi bħala pubbliku minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt din l-Ordinanza jkun konness mal-utilizżazzjoni ta' xi art jew xi dritt konness jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilita' jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bħala konness ma' jew anċillari għall-interess pubbliku jew utilita'" (ibid).*

*Kif tajjeb irritenit din il-Qorti diversament presjeduta per Imħallef Joseph R. Micallef, fil-kawża fl-ismijiet* **Dr. Philip Saliba pro et noe -vs- Kummissarju tal-Artijiet** *tas-16 ta' Ottubru 2008 "dik il-liġi (Art. 5 tal-Kap 88) tagħraf tliet (3) suriet ta' akkwist min-naħa tal-Gvern għal għanijiet pubbliċi: jew taħt (i) ix-xiri assolut, jew (ii) il-pussess u użu għal żmien determinat jew dak iż-żmien li l-ħtiġijiet tal-għan pubbliku jkunu jitolbu u jew (iii) id-dominju pubbliku. Iżda l-liġi taħseb ukoll li ġid jista' jinkiseb f'biċċa minnu taħt titolu wieħed u f'biċċa oħra taħt titolu ieħor, għajr fejn il-kisba ssir f'isem jew għall-użu ta' terza persuna, f'liema każ it-teħid irid tabilfors isir b'xiri assolut. F'każ fejn ġid ikun ittieħed b'titolu ta' pussess u użu, u jgħaddu aktar minn għaxar snin minn dak inhar li jkun hekk ittieħed, is-sid ikollu l-jedd jitlob li dak il-ġid jew jinxtara jew*

*jinkiseb b'titolu ta' dominju pubbliku jew, f'każ li la tingħażel il-waħda u lanqas l-oħra, li jinħeles mill-ġdid favurih (Art. 19(1) tal-Kap 88);*

*Illi l-kumpens lis-sid maħsub mil-liġi għal teħid ta' ġid taħt titolu ta' pussess u użu temporanju jikkonsisti f'kera ta' akkwist (acquisition rent), filwaqt li l-kumpens għat-teħid ta' ġid taħt titolu ta' dominju pubbliku jikkonsisti fil-ħlas ta' kera ta' għarfien (recognition rent) (Art. 13(2) tal-Kap 88). Fil-każ ta' teħid taħt titolu ta' xiri assolut, il-kumpens jikkonsisti fi ħlas ta' valur xieraq li dak il-ġid jitqies – skont il-kriterji msemmija fl-istess liġi – bħala l-valur xieraq: minħabba li l-kisba tirrigwarda ġid immobbli, ikun meħtieġ ukoll il-pubblikazzjoni ta' att pubbliku nutarili. Filwaqt li l-pussess u użu huwa maħsub li jkun għal żmien li jagħlaq, it-teħid b'dominju pubbliku min-natura tiegħu jdum għal dejjem u l-kera tal-għarfien li jitħallas lis-sid ma jitbiddel qatt (Art. 19(5) tal-Kap 88). F'dan il-każ tal-aħħar, il-kera tal-għarfien tixxiebah ma' ċens perpetwu u l-Gvern jikseb setgħat fuq il-ġid li jixbhu lil dawk li jgawdi l-enfitewta (ara, b'mod partikolari l-art. 19(6) u (8) tal-Kap 88);*

*(……)*

***<u>Kompatibbilita tal-Kap. 88 u l-egħmil tal-Gvern ta' Malta (kif rappreżentat mill-Kummissarju tal-Artijiet), mar-regola ta' proporzjonalitá rikjesta fl-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni</u>***

*Kif ġie tajjeb ritenut, "l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, li kif ilu jingħad u kif ilu stabbilit (sa mis-sentenza Q.E.D.B. 23.9.1982 fil-kawża fl-ismijiet Sporrong & Lonnroth vs Svezja (Applik. Nru. 7151/75) § 61), huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun*

*inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat (f'dan il-każ, l-esproprjazzjoni)."* (**Dr. Philip Saliba et vs Kummissarju tal-Artijiet et** *ġia ċitata supra).*

*Ġie dejjem rikonoxxut li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 88 jikkontrollaw l-użu tal-proprjetá legalment u bi skop leġittimu fl-interess ġenerali u għalhekk konformi mal-ewwel żewġ prinċipji stabbiliti f'dan l-Artikolu Protokollari. L-ilmenti fuq dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 88 fil-fatt dejjem jolqtu t-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-istess artikolu protokollari Konvenzjonali.*

*F'dan ir-rigward l-Qrati tagħna konsistentement għarfu li l-proċedura regolata bil-Kap. 88 għall-akkwist ta' art b'pussess u użu, ma tilħaqx il-grad ta' proporzjonalitá rikjesta fl-Artikolu protokollari tal-Konvenzjoni. Dan kemm minħabba li toħloq l-inċertezza lis-sid dwar jekk u meta se jieħu lura l-proprjetá tiegħu u, iktar minn hekk, l-ammont sproporzjonalment baxx ta' kera ta' akkwist (acquisition rent) ffissat b'mod indefinittiv, jiġifieri bla ma qatt jogħla, skont iddispożizzjonijiet tal-istess Kap. 88, li jpoġġi piż eċċessiv fuq l-istess sid (ara fost oħrajn Marija Mifsud vs. Kummissarju tal-Artijiet et, Qorti Kostituzzjonali, 30 t'April 2012; Anthony Zammit et vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet et, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Frar 2016).*

*Dan l-iżbilanċ ikompli jaggrava ruħu bl-egħmil tal-Kummissarju, qua l-Gvern ta' Malta, li jakkwista proprjetá b'pussess u użu biex imbagħad jiddemoliha u jwaqqaha. Dan mingħajr ma jfittex li jakkwista b'titolu ta' xiri assolut sabiex jassigura li s-sid jiġi kumpensat għat-teħid tal-art tiegħu (bħal fil-każ odjern).*

*F'dan il-każ l-Awtorita' Pubblika wettqet wieħed mill-atti l-aktar estremi ta' propjetarju, abusus, billi qered ossia waqqa' il-propjeta' meta kien għadu ma*

*akkwistax mingħajr ma s-sidien ma' setgħu jagħmlu xejn ħlief li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom taħt il-liġi, kif fil-fatt provaw jagħmlu r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri meta istitwew proċeduri oħrajn quddiem il-*Bord.

*Din il-Qorti tkompli tissenjala, li meta propjeta' immobbli tittieħed mill-*kontrol tas-sid *b'mod li ma jkunx f'posizzjoni li jwettaq l-atti imsemmija f'artikolu 320* tal-kodiċi Civili, *dan ikun ifisser jew li jkun telaqha minn jheddu gratwitament jew b'mod onoruż. Jekk fil-każ tal-aħħar, ikun irid jitħallas korrispettiv jew kumpens simili għall-prezz taħt l-*istituti tal-vendita u tal-*lokazzjoni. Meta jiġri hekk, kemm taħt wieħed jew taħt l-ieħor il-korrispettiv irid jitħallas* tempestivament *kif* titlob il-liġi*. It-teħid ta' propjeta' għall-skopijiet pubbliċi mhux eżenti minn din ir-regola u għalhekk kull ħlas, irid isir fl-iqsar żmien* possibbli minn *meta l-Gvern jibda jwettaq atti ta' dominju fuq il-ħaġa u ma jistax ikollok att aktar ċar ta' dominju mill-*qirda *jew it-twaqqiegħ tal-propjeta' espropjata.*

*Kif irritenit* din il-Qorti diversament presjeduta *fil-kawża Igino Trapani Galea* Feriol pro et noe vs Kummissarju tal-*Artijiet et, deċiża fit-18 ta' Ottubru 2013, "Il-Qorti jidhrilha li meta jigi esproprjat fond biex sussegwentement jitwaqqa'* u minfloku ssir triq jew anke sabiex minfloku jinbena gnien pubbliku, l-esproprju ghandu jkun *b'titolu ta' xiri assolut. [Dan għaliex] tispicca l-possibilita' li dan il-fond jista' xi darba jerga' jinghata lura lis-*sid. Jekk tinghata somma fis-*sena, din qatt ma tista' titqies li hi kumpens xieraq b'mod* specjali meta, bhal filkaz in ezami, jinghataw ftit euro fis-sena. *Il-fond esproprjat gie mwaqqa' u ghalhekk, jista' facilment jinghad, li l-*istess fond *ittiehed b'mod* permanenti mill-pussess tar-rikorrenti u kwindi ma jistax jitqies, semplicement, li l-*Istat, f'dan il-*kaz, kien qed jikkontrolla l-uzu tal-*proprjeta'. Anke kieku l-hlas annwali offert jigi kapitalizzat bl-aktar mod vantaggjuz, il-kumpens moghti ma jista' qatt jigi kkunsidrat bhala wiehed adegwat.*

*Meta l-immobbli esproprjat jigi distrutt kumpens fil-forma ta' hlas ta' somma zghira annwalment ma jistax jitqies li hu bizzejjed sabiex jintlahaq il-bilanc mehtieg bejn l-interessi tal-Istat u dawk tal-individwu. .[Għalkemm] Darba stabbilit li t-tehid tal-proprjeta' tar-rikorrenti sar skont il-ligi u fl-interess pubbliku, ... l-kumpens xieraq li jinghata ghal tali tehid jista' jkun anqas mill-prezz li dik il-proprjeta' tista' ggib fis-suq liberu (ara "***Schembri vs Malta***", deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-28 ta' Settembru 2010), pero', **__il-proċess irid jimxi b'pass li jwassal għat-tmiem tiegħu mill-aktar fis possibli__**.*

*Hu veru li ai termini tal-artikolu 19(1) tal-imsemmi Kap. 88, ir-rikorrenti setghu jitolbu lill-awtorita' kompetenti, darba li jghaddu 10 snin mit-tehid tal-proprjeta' b'titolu ta' pussess u uzu, tirregola s-sitwazzjoni tat-titolu taghha, pero', **__darba l-fond esproprjat twaqqa' u l-area kollha saret qnien pubbliku, il-gvern kellu hu stess jirregola l-pozizzjoni billi jipprovdi kif elenkat aktar qabel din il-Qorti f'din is-sentenza." (emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti)__**.*

*Il-parti tas-sentenza appena ċitata ġiet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2014 li kompliet tisħaq is-segwenti:*

*"14. Fl-ewwel lok, huwa opportun li jigi sottolineat li, il-fatt provat li l-akkwist de quo sar bhala parti mir-riforma socjali li l-appellanti jghid kien qed jaghmel il-Gvern f'dak iz-zmien, ma jezonerax lill-Kummissarju intimat mill-obbligu tieghu li jagixxi b'diligenza u bi speditezza ragjonevoli billi jezegwixxi fi zmien ragjonevoli l-proceduri li jwasslu ghall-komputazzjoni u hlas tal-kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti. **__Kien jinkombi fuq l-intimat Kummissarju li la darba ttiehdet minnu bicca art forzozament huwa kellu diligentement u minghajr tnikkir jiehu dawk il-proceduri necessarji sabiex jassigura li r-__***

***rikorrenti jigu kumpensati ghat-tehid tal-art taghom*** *(Ara wkoll Q Kost, 743/2000- Peter Azzopardi et v. Kummissarju tal-Artijiet et, deciz 11 Novembru 2011 – para.16, citat ukoll mill-ewwel Qorti.).*

*15. Inoltre, l-ezistenza tal-interess pubbliku ma jezonerax lill-Kummissarju millobbligu tieghu li jassigura li, bil-hlas fi zmien ragjonevoli tal-kumpens gust, jinzamm dak il-bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` u d-dritt fundamentali tarrikorrenti ghall-godiment pacifiku tal-proprjeta` taghhom skont l-artikolu 1 konvenzjonali fuq citat. Ghax* ***l-principju tal-proporzjonalita` huwa inherenti fl-istruttura kollha tal-Konvenzjoni*** *(ECHR Broniowski v. Poland [GC] 22 Gunju 2004, u ECHR Saliba vs Malta, 22 Novembru 2011),* ***u ghalhekk l-agir tal-Kummissarju f'dan il-kaz ghandu jigi ezaminat ukoll minn din l-ottika, billi jigi kkunsidrat jekk it-tehid tal-proprjeta` taghhom fis-sena 1973 minghajr ma ghadhom lanqas bdew il-proceduri ghall-komputazzjoni talkumpens dovut lilhom, jitfax fuqhom piz eccessiv u sproporzjonat****.*

*16. Din il-Qorti bhal l-ewwel Qorti hi tal-fehema li tenut kont tal-ghexieren ta' snin li ghaddew mid-data tal-ispossessament da parti tal-Kummissarju tal-art de quo minghajr dan lanqas ghadu ta bidu ghall-proceduri sabiex ir-rikorrenti jigu kumpensati ghal-privazzjoni mill-proprjeta` taghhom, fil-fatt jitfa' fuq ir-rikorrenti piz eccessiv u sproporzjonat fis-sens tal-Konvenzjoni.*

*17. Kif ritenut minn din il-Qroti diversament presjeduta fil-kawza Q.Kos* ***Pawlu Cachia vs Avukat Generali****, deciza fit-28 Dicembru 2001:*

*"Wiehed ghandu jifhem li meta kienet originarjament promulgata l-Ordinanza Dwar it-Tehid tal-Art ghal Skop Pubbliku tramite il-procedura tal-esproprijazzjoni, il-legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u d-disponibilita' tal-proprjeta' biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih*

*tkun giet esproprijata, imma wkoll ghal process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke bit-twaqqif ta' tribunal kwazi gudizzjarju b' kompetenza teknika in materja.* ***Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex ........ ilGvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin u xi darba jhallas kumpens.*** *...*

*22.* ***... din il-Qorti tosserva li d-diskrezzjoni moghtija lill-Kummissarju fl-Artikolu 5 tal-Kap. 88 ma tezonerax mill-osservanza tal-principju tal-proporzjonalita`. Fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu l-Kummissarju ghandu jassigura li jintlahaq bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` u l-interessi tar-rikorrenti." (ara fost oħrajn Francis Scicluna et vs Kummissarju tal-Art et, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 6 ta' Ottubru 2006)****.*

*Il-Qrati tagħna madanakollu żammew lura milli jqisu tali aġir tal-Gvern ta' Malta bħala wieħed li jammonta għal esproprjazzjoni de facto. Dan fuq ir-raġuni li "ghalkemm l-Istat ghandu jagixxi b'mod li jirrispetta l-ligijiet tieghu stess, dan ma jfissirx li l-iStat ma jistax jillegittima dak maghmul minnu. Di fatti mill-Artikolu 19 fuq citat johrog car li, fil-kaz li l-proprjeta` tkun ittiehdet b'titolu ta' pussess u uzu, wara ghaxar snin, is-sid jista' jitlob li l-art tittiehed mill-Kummissarju jew b'xiri assolut jew b'dominju pubbliku." (***Anthony Zammit et vs Kummissarju tal-Artijiet et****, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Frar 2016).*

*Din il-Qorti tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' liġijiet li jippermettu l-espropjazzjoni ta' propjeta' għall-skopijiet. Li ma jkunx għal dawn il-liġijiet x'aktarx la jkun hawn toroq, sptarijiet, skejjel u utilitajiet pubbliċi oħra tant importanti għas-Soċjeta' in ġenerali. Sa minn qabel il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, dan id-dritt tal-Istat kien diġa' impliċitament rikonoxxut mill-Kodiċi Civili f'artikolu 321 li jiddisponi li "Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjetà tiegħu*

*jew iħalli li ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku, u bil-ħlas ta' indennizz ġust". Fis-sempliċita' tiegħu dan l-arikolu jikkapsula l-elementi tal-bilanċ li għandu jinżamm bejn id-dritt tal-Istat li jespropja pero' bil-korrollarju ta' ħlas u indennizz ġust lill-espropijat.*

*Huwa għalhekk li dejjem ġie ritenut li l-bżonn ta' espropju ma għandux iġib miegħu piż eċċessiv u sproporzjonat li jinġarr biss mis-sid u dan meta l-espropju jew teħid ta' tgawdija tal-propjeta' jibqa' ma jingħatax kumpens xieraq u dan meta l-art tiġi finalment akkwistata b'xiri assolut jew b'dominju pubbliku, anke wara li jkun użurfruwixxa ruħu mir-rimedju mogħti fl-artikolu 19(1) tal-Kap 88. Dan minħabba l-kalkolu ffisat bl-Artikolu 22(11)(b) u (ċ) tal-istess Kap (ara* ***Francis Scicluna et vs L-Avukat Ġenerali et****, Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), 24 ta' Marzu 2022;* ***Andrew Attard et vs Awtoritá tal-Artijiet et****, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 30 ta' Ottubru 2018;* ***Melina Micallef vs Il-Kummissarju tal-Artijiet****, Qorti Ċivili (Prim' Awla) (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 4 ta' Ottubru 2016). Kważi kważi din il-Qorti tasal biex tgħid, li l-mekkaniżmu ta' kif issir żieda fil-kera taħt kapitolu 158 tal-liġijiet ta' Malta, anke jekk dejjem ġie dikjarat bħala anti-kostituzzjonali fir-rigward tas-sidien, paragunat mal-provvedimenti tal-Kap 88, huwa aktar liberali.*

*F'dan ir-rigward ġie kkunsidrat li l-iżbilanċ kreat bil-kalkolu ffissat b'dan l-artikolu huwa tali li ma jistax jiġi ripristinat bil-ħlas waħdu ta' imgħaxx legali fuq is-somma hekk maħduma, kif għamlet il-Qorti tal-Appell fil-każ odjern bis-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2020. Kif ġie tajjeb ritenut, "sabiex jiġi ripristinat il-bilanċ bejn l-interess ġenerali u dak privat disturbat bit-teħid tal-proprjetá mill-awtoritá pubblika f'dan il-każ irid neċessarjament jittieħed qis tal-valur tal-proprjeta' li ttieħed il-pussess tagħha iżda dan ma jfissirx li r-rikorrenti*

*għandha tingħata kumpens ekwivalenti għall-valur fis-suq tal-istess proprjeta"* (**Marija Mifsud vs. Kummissarju tal-Artijiet et**, *gia ċitata supra).*

*Konsiderazzjonijiet:*

*(.......)*

*Permezz tas-sitt u s-seba eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat u l-eċċezzjoni 3b tal-Awtoritá intimata, qed jiġi sollevat li r-Rikorrenti qed jinqdew b'din il-Qorti bħala xi Qorti tat-tielet istanza sabiex jiddisturbaw is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell. Din l-eċċezzjoni, li ġiet sollevata diversi drabi f'azzjoni ta' din ix-xorta, ġiet konsistentement trattata kif ġej:*

*"...ghalkemm huwa minnu li l-komputazzjoni tal-kumpens dovut ghall-esproprju taqa' specifikatament fil-mansjoni tal-Bord li ghandu jiddeciedi skont l-kriterji oggettivi stabbiliti fil-Kap. 88, u li ghalhekk huwa kompost ukoll minn membri teknici proprju sabiex b'applikazzjoni tal-ligi jaslu ghall-kumpens dovut f'kull kaz, il-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ghandhom il-kompetenza li jistabbilixxu jekk il-kumpens li wasal ghalih il-Bord huwiex tali li jpoggi fuq l-individwu li tkun ittehditlu l-art, "a disproportionate and excessive burden" li jwassal ghall-izbilanc bejn l-interessi tal-kollettivita`, u dawk tal-individwu koncernat. Huwa minn din l-ottika legali li l-quantum tal-kumpens offrut ghandu jigi ezaminat. L-ghoti ta' kumpens xieraq u gust huwa nsitu fil-protezzjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ghalhekk il-kompitu ta' din il-qorti ma huwiex li tisma' appell mid-decizjoni tal-Bord izda li tara jekk il-kumpens huwiex wiehed xieraq u proporzjonat, kif irid l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Biex ilkumpens jitqies xieraq ma huwiex bilfors mehtieg li jkun daqs il-prezz fis-suq hieles, izda jekk id-differenza tkun hekk kbira illi jintilef il-proporzjon bejn kemm tassew jiswa l-*

*jedd illi sejjer jittiehed lis-sid u l-kumpens li sejjer jithallas ghal dak it-tehid, mela l-kumpens ma jkunx xieraq u jkun hemm ksur tal-artikolu 1 tal- Ewwel Protokoll." (Bezzina Wettinger vs Avukat Generali, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2013).*

*"Din il-Qorti taqbel li hi ma tistax u ma ghandhiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza minn decizjoni tal-Bord u tiffissa kumpens jew tirrevedi ammonti likwidati mill-Bord tal-Arbitragg. Din mhix il-funzjoni taghha. Li trid tara din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Bord, fil-kuntest tal-fattispecie tal-kaz u tal-ligi applikabbili, ttiehditx b'mod li setghu gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti." (Maria Nicolina sive Marlene Azzopardi vs. Awtorità tal-Artijiet et, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 12 ta' Ġunju 2018).*

*Il-biża' li jista' jkollok tentattiv abbużiv sabiex dawn il-proċeduri jistgħu iservu bħala mezz tat-tielet istanza, dejjem ser tiġri. Sta għal Qorti li trid tiddeċiedi l-każ skont il-fattispeċie li jkollha quddiemha li tistabilixxi jekk hux każ ġenwin jew wieħed biex jiskappa l-prinċipju li ġudikat qatt ma għandu jkun disturbat. Imma l-fatt li teżisti din il-biża', ma jfissirx li dawn il-Qrati għandhom joqgħodu lura milli jippronunzjaw lilhom infushom meta si tratta ta' Sentenzi li għalkemm fihom innfushom ma humiex ħżiena għaliex ma kellhom ebda triq oħra ħlief li japplikaw liġi li ex posta facto tiġi dikjarata bħala anti-kostituzzjonali. Jekk l-applikazzjoni ta' dik il-liġi inevitabilment tilledi dritt fundamentali, allura l-eżitu ta' dik issentenza jrid ukoll jaqa' taħt l-iskrutinju ta' dawn il-Qrati.*

*Il-Qorti sejra tapplika l-istess raġunament insenjat fis-sentenzi suċitati u għaldaqshekk tiċħad l-eċċezzjonijiet numru 6 u 7 tal-intimat Avukat tal-Istat u l-eċċezzjoni numru 3b tal-Awtoritá intimata.*

*(.......)*

*Safejn l-azzjoni hija mibnija fuq l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni, il-Qorti tapplika l-istess konsiderazzjonijiet legali esposti supra. Għalhekk tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha Qrati oħra f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili hawn ġia ċitati.*

*Il-Qorti sejra għaldaqstant tilqa' limitatament l-ewwel u t-tielet talba billi tiddikjara u tiddeċiedi li fil-konfront tar-Rikorrenti d-disposizzjoni tal-Kap. 88, u cioe' specifikament l-artikolu 22(11)(b), jilledi d-dritt fundamentali tar-Rikorrenti kif sanċit fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta)."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet għall-fini tal-każ odjern –

1. Huwa paċifiku u aċċettat minn ġurisprudenza kostanti li l-Istat għandu d-dritt u l-obbligu li jippromulga l-liġijiet li jidhirlu xierqa fl-interess pubbliku. Infatti l-Istat għandu f'idejh diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieg fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għal dak il-għan. Madankollu, fit-tħaddim ta' din id-diskrezzjoni tiegħu li jaġixxi fl-interess pubbliku u għal skop pubbliku, huwa xorta m'għandux il-*mano libera* li jippreġudika b'mod sproporzjonat id-drittijiet tas-sidien ta' dawk l-artijiet u proprjetajiet. Fin-nuqqas huwa l-Istat li għandu jġorr ir-responsabbilta' għal dan l-iżbilanċ fl-eżerċizzju ta' drittijiet imsemmija;

2. Fil-każ odjern ma hemmx kontestazzjoni li t-teħid ta' dawn il-fondi seħħ għal skop pubbliku u dan sabiex issir triq pubblika;

3. Huwa paċifiku wkoll li l-fondi mertu tal-kawża ttieħdu mill-Istat bit-titolu ta' pussess u użu sa mit-8 ta' Lulju 1975 u sussegwentement ġew akkwistati b'titolu ta' dominju pubbliku fil-25 ta' Ġunju 2009 bil-kera għall-fond numru 21 (ġja 20) tkun €3.26 fis-sena u dik għall-fond numru 22 (ġja 21) tkun ta' €14.68 fis-sena hekk kif stmat mill-perit tal-Gvern;

4. L-ilment tar-rikorrent ai termini tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni huwa li -

i. Ir-renta riċevuta li l-Kap 88 impona fuqu mat-teħid tal-proprjetajiet imsemmija fis-sena 1975 hija waħda rriżorja tant li ħallietu mingħajr kumpens xieraq minn dik is-sena sal-lum;

ii. Il-kumpens iffissat mill-Qrati fil-proċeduri ordinarji surreferiti Rik Nru 44/2009 ma jirriflettix il-valur reali tal-fondi in kwistjoni.

5. Għalkemm il-lum il-ġurnata l-Kap 88 m'għadux fis-seħħ, it-tħaddim tiegħu kellu mpatt dirett fuq ir-rikorrent. Dan għaliex filwaqt li l-Att imsemmi tħassar fil-25 t'April 2017 bis-saħħa tal-Att Nru XVII tal-2017 xorta ġie applikat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2017 fil-proċeduri Rik Nru 44/09. Dan seħħ minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 78 (3) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta) li jgħid hekk –

*"Appelli pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandhom jibqgħu jinstemgħu mill-istess Qorti skont il-liġi li kienet fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, iżda dan mingħajr ħsara għas-sid li jekk irid iressaq azzjoni ġdida skont dan l-Att dwar materji li ma jkunux ġew deċiżi mill-Bord tal-Arbitraġġ jew mill-Qorti tal-Appell."*

6. Ir-rikorrent jilmenta partikolarment mit-tħaddim tal-artikolu 27 tal-88 li kien jirregola l-likwidazzjoni tal-kumpens mill-Bord u dan stante li fil-fehma tiegħu ma jilħaqx bilanċ ġust bejn l-iskop pubbliku li għalih ittieħdu mingħandu l-fondi in kwistjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta';

7. A skans ta' dilungar inutli, u fuq skorta tal-prinċipji u l-ġurisprudenza ċitata fil-kawża suċċitata **Maria Grech et vs Avukat tal-Istat et,** il-Qrati nostrali ripetutament sabu li l-proċedura mħaddma bil-Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta b'rabta mal-akkwista ta' art mill-Istat b'titolu ta' pussess u użu ma tirrispettax il-prinċipju tal-proporzjonalita' rikjesta mill-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni. Dan jingħad partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-ammont baxx ħafna ta' kera t'akkwist maħdum għal żmien indefinit ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 88 ipoġġi piż eċċessiv u sproporzjonat fuq is-sid;

8. Dan l-isproporzjon huwa ċertament rifless fil-każ odjern meta wieħed iqabbel dak il-kumpens likwidat lilu kif kalkulat skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi mpunjata  u l-istimi tal-valur fis-suq tal-fondi li ttiħdulu mill-Istat kif mogħtija mill-perit *ex-parte* nkarigat mir-rikorrent Dennis Camilleri[13]. Fil-fatt, filwaqt li kif ingħad, mill-Istat huwa kien qiegħed jirċievi kera totali ta' €17.94 fis-sena għaż-żewġ fondi, jirriżulta li mill-istima tal-perit Dennis Camilleri, l-valur lokatizju taż-żewġ fondi fis-suq miftuħ fl-1993 kien ta' €1,032 fis-sena u fl-2020 kien ta' €7,950 fis-sena. Ċertament għalhekk li l-kumpens mogħti mill-Istat ma jistax jitqies adegwat u sproporzjonat meta hekk imqabbel;

9. L-isproporzjon fil-konfront tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ikompli jamplifika ruħu bil-fatt li meta l-Istat ħa f'idejh il-proprjetajiet in kwistjoni biex twaqqgħu ħalli tgħaddi t-triq, l-akkwist ma seħħx b'xiri assolut (li almenu kieku

[13] Fol 35 et seq u xhieda a fol 115 et seq

kien jippermetti lir-rikorrent jirċievi kumpens għat-teħid tal-art) iżda biss b'titolu ta' pussess u użu u wara b'titolu ta' dominju pubbliku bil-kera miżera fuq imsemmija. Il-Qorti tinnota li skont l-istimi tal-perit ex parte Dennis Camilleri, il-valur taż-żewġ fondi fis-suq miftuħ fl-1993 kien ta' €31,750 filwaqt li fl-2020 kien ta' €245,000. Fir-rapport tiegħu tal-4 ta' Settembru 2020, l-perit Dennis Camilleri indika wkoll illi, li kieku l-fondi mertu tal-kawża ma twaqqgħux, kellhom il-potenzjal li jiġu konvertiti f'*house of character* fil-qalba tar-raħal viċin il-Knisja parrokkjali b'valur ekonomiku għoli tenut kont tan-natura tal-proprjeta' u prezza;

10. Dan kollu juri li għall-esproprjazzjoni u eventwali demolizzjoni taż-żewġ fondi tar-rikorrent, il-ħlas ta' somma żgħira bħala kera annwali mhijiex suffiċjenti biex jintlaħaq il-bilanċ meħtieġ bejn l-aġir tal-Istat u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Għalkemm huwa konċess li l-kumpens xieraq jista' jkun inqas minn dak li l-istess proprjeta' kienet iġġib fis-suq ħieles pero' dan għandu jitħallas ukoll fi żmien raġjonevoli, li fil-fatt ma sarx fil-każ odjern.

**Raġġunti dawn il-konklużjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni u għalhekk ser tintlaqa' l-ewwel talba tiegħu b'rabta ma' dan l-artikolu.**

**Fit-tieni talba** tiegħu r-rikorrent jilmenta li ġew vjolati d-drittijiet tiegħu kif protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**L-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li –

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni** li jgħid hekk -

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu ... kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi."*

Fil-każ odjern, ai termini ta' dawn l-artikoli r-rikorrent jargumenta li huwa ma kellux smiegħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli stante li minkejja li l-proprjeta' in kwistjoni itteħditlu (jew almenu l-pussess tagħha tteħidlu) fl-1975, sal-lum huwa għadu ma ottjenix kumpens ġust għal tali teħid forzat.

Ir-rikorrent jgħid li mid-data tat-teħid għall-pussess u użu fl-1975 sal-mument tal-preżentata tal-azzjoni odjerna fl-2020 huwa ma kellux aċċess għal forum ġudizzjarju adit mill-kompetenza li jakkordalu kumpens ġust u kwindi dan wassal għal ksur tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq.

Ingħad hekk in materja fil-każ **Louise Sciortino et vs Avukat tal-Istat et deċiż fl-4 ta' Ottubru 2022 -**

*"Illi fir-rigward dan l-ilment ir-rikorrenti jilmentaw dwar in-nuqqas ta' access ghall-tribunal u/jew Qorti ndipendenti sabiex jigi kontestat l-kumpens illi seta' kien dovut billi dan kien iffissat b'ligi u kif inghad mhux suxxettibbli ghal*

*kontestazzjoni. Isostnu li l-applikazzjoni tal-Artikolu 22 (11) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma kienx rimedju xieraq billi l-kera ta' gharfien li kienet qieghda tithallas lilhom giet ikkapitalizzata bir-rata ta' 1.4% skont ma kien jipprovdi dak l-artikolu tal-ligi.*

*L-intimata Awtorita' tal-Artijiet targumenta li fil-fatt ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar lArtijiet u dan kemm taht il-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentament ukoll taht il-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-aktar parti ta' rilevanza mill-Artikolu 22 (11) tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:*

*'22(11) (b) fil-każ ta' bdil minn pussess u użu f'xiri assolut somma li tasal għaliha billi tiġi kapitalizzata bir-rata ta' wieħed fil-mija tal-kera ta' akkwist fis-sena li tkun dovuta taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza; (ċ) fil-kaz ta' bdil minn dominju pubbliku f'xiri assolut somma li tasal għaliha billi tiġi kapitalizzata bir-rata ta' wieħed punt erbgħa fil-mija tal-kera ta' għarfien fis-sena li tkun dovuta taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.'*

*Illi jekk ghal grazzja tal-argument kellu jigi argumentat li r-rikorrenti kellhom ir-rimedji msemmija mill-intimata Awtorita tal-Artijiet il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet, fi kwalunkwe kaz, dan ir-rimedju xorta kien limitat billi l-Bord ukoll kien obbligat josserva dak li tiddisponi l-ligi u ghalhekk il-kalkolu tal-kumpens kien ser ikun limitat hekk kif dispost fl-Artikolu 22 (11) (b) u (c).*

*Il-Qorti rat ukoll li mill-istima tal-Perit Tekniku Valerio Schembri mahtur minn din il-Qorti jirrizulta li l-valur lokatizzju u l-prezz tax-xiri moghti lir-rikorrenti mill-intimata huwa ferm inferjuri ghall-valur stmat tal-fondi ghas-sena 2012 (valur li ma ma jirrizulta li gie kontestat).*

*Il-Qorti kkunsidrat li d-dritt sancit bil-jedd ghas-smigh xieraq, fejn jirreferi ghad-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi jinkorpora d-dritt ta' kull persuna li tadixxi l-Qorti jew Tribunal fit-tfittxija ta'rimedju gudizzjarju.*

*Illi kif josservaw Van Dijk u Van Hoof, fil-ktieb 'Theory and Practice of the European Convention on Human Rights', (Tielet Edizzjoni, pagna 418).*

*'Article 6(1) not only guarantees procedural remedies in relation to judicial proceedings, but also grants a right to judicial proceedings for the cases mentioned in this article: the right of access to court. This right has not been laid down in express terms in article 6. Its first paragraph only refers to entitlement to a fair and public hearing by a court, leaving it unclear whether this entitlement only exists where judicial proceedings have been provided under domestic law, or implies – or rather presupposes – a right to such judicial proceedings. This unclarity was lifted by the Court in its Golder judgement. (21st February, 1975). There the Court held that article 6 must be read in the light of the following two legal principles:*

*(1) the principle whereby a civil claim must be capable of being submitted to a judge, as one of the universally recognized fundamental principles of law; and*

*(2) the principle of international law which forbids the denial of justice'.*

*Fil-kaz ta' Golder -vs- United Kingdom (App. 4451/1970) il-Qorti Ewropea irriteniet illi:*

*'35.... It would be inconceivable, in the opinion of the Court, that Article 6 para. 1 (art. 6-1) should describe in detail the procedural guarantees afforded to parties in a pending lawsuit and should not first protect that which alone makes it in fact possible to benefit from such guarantees, that is, access to a court. The fair, public and expeditious characteristics of judicial proceedings are of no value at all if there are no judicial proceedings.'*

*36. Taking all the preceding considerations together, it follows that the right of access constitutes an element which is inherent in the right stated by Article 6 para. 1 (art. 6-1). This is not an extensive interpretation forcing new obligations on the Contracting States: it is based on the very terms of the first sentence of Article 6 para. 1 (art. 6-1) read in its context and having regard to the object and purpose of the Convention, a lawmaking treaty (see the Wemhoff judgment of 27 June 1968, Series A no. 7, p. 23, para. 8), and to general principles of law.'*

*Il-Qorti f'Golder iddeterminat li d-dritt ta' access għall-tribunal imparzjali u indipendenti setgħet tiġi inferita mit-test tal Konvenzjoni, kif ukoll huwa principju fondamentali tar-rule of law. Tant li l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick kitbu:*

*'Despite cogent judgments to the contrary by the dissenting judges, the Court's judgment has long been unquestioned and provides a strong foundation for the guarantee of the 'right to a court'.'*

*Il-Qorti tosserva li l-ilment odjern huwa maggorment dwar l-hlas tal-valur xieraq ghall-proprjeta' mehuda permanentament u tqis li r-rimedju quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet ma seta' qatt jipprovdi lir-rikorrenti tali rimedju. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-azzjoni kontemplata bil-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta ma joffrix rimedju effettiv sabiex is-sidien jigu assigurati kumpens xieraq ghax-xiri assolut tal-proprjeta' taghhom ghar-ragunijiet fuq spjegati. Ghaldaqstant taqbel li l-ligi ordinarja ma taghtix tali rimedju lir-rikorrenti ghajr permezz tal-proceduri odjerni4 li huma proceduri staordinarji.*

*Ghalhekk din il-Qorti ssib lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu r-rikorrenti u l-ante-kawza taghhom ma kellhomx dritt ta' access ghall-Qorti sabiex jiksbu kumpens xieraq ghat-tehid tal-proprjeta' taghhom."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tissottolinea wkoll li fis-sentenza tal-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet tal-10 t'April 2013 fil-proċeduri fl-ismijiet premessi, l-istess Bord irrimarka hekk –

*"Mill-gurnata tat-tehid fl-1975, l-Awtorita' ma għamlet xejn biex tinnizzja l-proċedura ta' kumpens lis-sid espproprijat li dak iż-żmien ma setgħax jinizzja marte proprio l-proceduri quddiem dan il-Bord."*

Issir referenza fil-fatt għall-artikolu 19 (1) tal-Kap 88 fejn proprjeta' tkun ġiet akkwistata mill-Istat għal użu jew pussess, u kien jagħti d-dritt lis-sid ta' tali proprjeta' d-dritt li wara għaxar snin japplika sabiex dik il-proprjeta' tinxtara, jew tkun akkwistata b'dominju pubbliku. Dan kollu jkompli juri kemm il-liġi kienet torbot idejn is-sidien fejn jidħol id-dritt tagħhom li jirċievu kumpens ġust.

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li t-tieni talba tal-attur hija ġustifikata stante li hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni.**

## D. RIMEDJU

**Fit-tielet talba** r-rikorrent qed jitlob kumpens biex jagħmel tajjeb għall-ksur tad-drittijet fundamentali tiegħu, liema talba l-Qorti tqis li fiċ-ċirkustanzi hija ġustifikata.

Il-pretensjoni tar-rikorrent hija li jirċievi kumpens li ma jkunx inferjuri għas-somma ta' €245,000, liema somma ġiet stabbilita bħala l-valur fis-suq miftuħ taż-żewġ fondi in kwistjoni fl-2020 mill-perit Dennis Camilleri.

Fil-każ surreferit **Francis Scicluna et vs Avukat Ġenerali et** din il-Qorti diversament preseduta għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet in materja -

*"Ikkunsidrat;*

*Rigwardanti t-tielet talba, din il-Qorti tosserva li ġaladarba jirriżulta ksur tad-dritt fundamentali, għaliex ma kienx hemm il-ħlas ta' kumpens xieraq kif ukoll dewmien sabiex jingħataw kumpens, għandu jingħata rimedju lir-rikorrenti konsistenti sew f'danni pekunjarji kif ukoll f'danni non-pekunjarji bl-iskop illi jiġi safejn possibbli newtralizżat il-leżjoni tad-dritt fundamentali.*

*Fis- sena 2006, il-postijiet ġew stmati għall-valur ta' Lm 105,700. Għandu jingħad li bil-preżenti mhux qed jingħata kumpens għall-espropju tal-fond iżda qed jingħata kumpens għal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Hu*

*għalhekk eskluż bl-aktar mod emfatiku xi kumpens li jirrappreżenta l-valur tal-immobbli in kwestjoni.*

*In tema legali ssir referenza għas-sentenza* **Maria Mifsud vs. Kummissarju tal-Artijiet et** *(Rik Kost 52/2005) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 t'April 2012:*

*"Għall-finijiet ta' kumpens, iżda, irid jittieħed qis tan-natura tal-leżjoni riskontrata mill-Qorti. F'dan il-każ l-ewwel Qorti stabbiliet li t-teħid kien sar skont il-liġi u fl-interess pubbliku u l-leżjoni li rriskontrat kienet fin-nuqqas ta' proporzjonalita' bejn il-kumpens pagabbli lir-rikorrenti għal dak it-teħid u l-piż li kellha ġġorr ir-rikorrenti b'riżultat ta' dak it-teħid. Naturalment, sabiex isir eżerċizzju korrett fir-riċerka tal-kumpens xieraq sabiex jiġi ripristinat il-bilanċ bejn l-interess ġenerali u dak privat disturbat bit-teħid tal-proprjeta' mill-awtorita' pubblika f'dan il-każ irid neċessarjament jittieħed qis tal-valur tal-proprjeta' li ttieħed il-pussess tagħha iżda dan ma jfissirx li r-rikorrenti għandha tingħata kumpens ekwivalenti għall-valur fis-suq tal-istess proprjeta'....... il-kumpens xieraq għat-teħid forzuż ta' proprjeta' irid jiġi kalkolat fid-data tat-teħid forzuż in kwistjoni iżda għandu jittieħed ukoll in kunsiderazzjoni d-dewmien sabiex jitħallas dak il-kumpens.*

*- Omissis –*

*Stabbilit li t-teħid tal-fondi tar-rikorrenti sar skont il-liġi u fl-interess pubbliku huwa ormai stabbilit li l-kumpens xieraq li jingħata għal tali teħid jista' jkun anqas mill-prezz li dawk il-fondi setgħu iġibu fis-suq liberu."*

*Sabiex tiddetermina l-kumpens xieraq din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:*

*a. Il-valur tal-proprjetajiet fis-sena 2006;*

*b. Il-lokalita fejn jinsabu l-propjetajiet;*

*c. Il-fatt li hawn si tratta ta' tlett proprjetajiet;*

*d. Il-perjodu ta' żmien li għadda minn meta r-rikorrenti ġew imcaħħda mill-użu u t-tgawdija tal-proprjeta tagħhom mingħajr ma għadhom irċevew kumpens xieraq; u*

*e. L-iskop ghalfejn il-proprjeta' ittiehdet.*

*f. L-ammont irriżorju li skond il-liġi huma ntitolati għalih ir-rikorrenti.*

*Tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti qed tillikwida kumpens konsegwenza tal-leżjoin tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti kif fuq spjegat, in kwantu għad-danni pekunjarji fis-somma ta' ħamsin elf ewro (€50,000) u in kwantu għad-danni non pekunjari fis-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000)."*

B'applikazzjoni għall-fattispeċje tal-każ odjern il-Qorti tqis li għandha tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi fl-iffissar tal-kumpens pekunarju u non-pekunarju lir-rikorrent –

i. L-iskop pubbliku tat-teħid tal-proprjeta' in kwistjoni sabiex issir triq;

ii. Il-fatt li l-Istat ħa f'idejh żewġ fondi tar-rikorrent għal dan il-għan;

iii. L-isproporzjon bejn il-kumpens li seta' jirċievi r-rikorrent ai termini tal-Kap 88 u l-valur tal-proprjetajiet fis-suq ħieles fl-1993 u fl-2020 skont l-istimi peritali li jinsabu fl-atti;

iv. Il-potenzjal ta' żvilupp li kellhom fiż-żona li fiha kienu jinsabu qabel ma ġew demoliti;

v. It-trapass ta' żmien li matulu r-rikorrent baqa' ma rċevix kumpens ġust għal tali teħid;

vi. L-inerzja tal-Istat bin-nuqqas ta' intervent leġislattiv appropju biex ir-rikorrent u persuni oħra fis-sitwazzjoni tiegħu jkunu jistgħu jitħallsu kumpens ġust fi żmien raġjonevoli;

vii. Ma jfissirx li r-rikorrent għandu jingħata kumpens sħiħ ekwivalenti għall-valur fis-suq tal-istess proprjeta'.

**Fid-dawl tas-suespost il-Qorti sejra tillikwida kumpens pekunarju ta' sittin elf Ewro (€60,000) u kumpens non-pekunarju ta' ħmistax-il elf Ewro (€15,000) liema kumpens għandhom jagħmlu tajjeb għalih l-intimati solidalment bejniethom.**

Fid-dawl tal-konklużjonijiet raġġunti l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati sejrin jiġu miċħuda.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawża billi -**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, tilqa' t-tielet eċċezzjoni u tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

**2. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita' intimata safejn kompatibbli ma' dak deċiż iżda tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha;**

**3. Tilqa' limitatament l-ewwel talba tar-rikorrent safejn marbuta mal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni;**

**4. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent kif dedotta;**

**5. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tillikwida s-somma globali ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000) in kwantu għal sittin elf Ewro (€60,000) bħala kumpens pekunarju u in kwantu għal ħmistax-il elf Ewro (€15,000) bħala kumpens non-pekunarju filwaqt li tordna lill-intimati solidalment bejniethom sabiex iħallsu dan il-kumpens totali lir-rikorrent;**

**6. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-intimati solidalment bejniethom.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**